# TRIQ IMDAWLA!

*Ta' ALFRED DeGABRIELE*

*Lis-Sur Nin Cremona, f'Għeluq il-Ħamsa u Tmenin sena ta' għomru, b'ħajr ta' kemm ħadem għall-Ilsien Malti.*

Kienu Maltin
u demm Malti demmhom
kull min fl-imgħoddi ried lill-Malti jkasbar
u ġiehu jwaqqa'!
Kienu wlied Malta
min bil-Malti staħa
u kontra
min għall-Malti ssielet,
iġġieled
tul ħajtu kollha.
Inteset dit-tajfa
tul tas-snin il-mixi,

u l-liwi
qarrieq ta' ħsiebhom
kien għeb:
t'isimhom
fil-ġrajja biss baqa'
il-mafkar li trabhom jistmerr! . . .

Kienu Maltin
u demm Malta demmhom
kull min fl-imgħoddi ried lill-Malti jkabbar
u ġiehu saqqa
bid-dmugħ kiebi t'għajnejh!
Min ċanfar dan-nies
u bagħ'dhom,
għajjarhom
w sallabhom bla ħniena
kuljum ma' salib!
Dir-rażna ta' ħuthom
ġarrbuna fl-imgħoddi
min bħalek, Sur Ninu Cremona,
Ilsienna ma ċaħad imkien
w le beża'
iweġġgħu fid-dieher . . . .

Min bħalek, Sur Nin,
tela' l-għolja tal-waħx,
illum l-isem tiegħu
hu trejqa li tixhed id-dawl!

Ftit ilu rġajt smajtha
il-għajta qerrieda taċ-ċaħda
minn fomm ta' Maltin:
il-għajta bjex twarrab Ilsienna
u tħaddan oħrajn barranin.
W għedt f'qalbi
minn kmieni ġe' ħajti:
Jekk reġgħet did-dalma fid-dawl,
x'kien jiġri, jekk lilek le kellna
iddawwal it-trejqa,
Sur Nin?